IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 66-2019(15_04_19) – Laqgħa b'urġenza**

**15 ta' April 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fis-7.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

66.1.1 Is-Sur Paul Curmi bagħat *e-mail* lill-Kunsill fejn iddikjara li l-materja ma timmeritax laqgħa b'urġenza.

**66.2 Proposta sabiex il-Kunsill iħallas tinda għal fuq il-*pitch* tal-Boċċi taċ-Ċentru**

66.2.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-persuni li jużaw il-*pitch* tal-boċċi talbu sabiex il-Kunsill jagħmel tinda fuq il-*pitch* peress li dik li kien hemm tqattgħet bil-maltemp u dik kienet saret mill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar jekk il-Kunsill jistax jagħmel spejjeż fi proprjetà tal-Knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li t-tinda li kien hemm hija proprjetà tal-Kunsill u jekk il-Kunsill jiddeċiedi li t-tinda ssir, din tibqa' proprjetà tal-Kunsill.
Is-Sindku ppreżentat tliet stimi tal-materjal. It-twaħħil ser isir mill-voluntiera.

- Mallia Property & Developments Co. Ltd - €2,592.00
- Paul Magri - €2,616.77
- Joseph Caruana & Co. Ltd - €2,448.00

Ġie deċiż li l-Kunsill jordna mingħand Joseph Caruana & Co. Ltd għall-prezz ta' €2,448.00.

**66.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

66.3.1 Il-laqgħa aġġornat fit-8:20 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 67-2019(25_04_19) li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku